Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 26/2016

**Raymond Micallef**
**(appellant)**

**Vs**

**Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited**
**(appellata)**

22 ta' Settembru, 2017.

**Il-Qorti,**

**Rat illi:**

1. Permezz ta' rikors ppreżentat fil-21 ta' Mejju 2012 l-appellant Raymond Micallef talab lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu minn mas-soċjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Ltd kienet waħda inġusta u jagħti l-provvedimenti kollha opportuni f' dan ir-rigward *ai termini* tal-Artikolu 81 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta inkluż li r-rikorrent jerġa' jiġi reintegrat f' xogħolu u jitħallas kumpens ġust.

2. Da parti tagħha is-soċjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited wieġbet illi t-terminazzjoni tal-impieg kienet ġusta u timmerita konferma.

3. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fis-16 ta' Settembru 2016 it-Tribunal iddeċieda l-każ kif ġej:

> '***Deċiżjoni***:
>
> *Wara li sema' x-xhieda kollha prodotti, evalwa d-dokumenti u t-trattazzjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal jiddeċiedi illi t-terminazzjoni mill-impjieg kienet waħda inġusta iżda ma jilqax it-talba tar-rikorrenti li jiġi reintegrat f'xogħlu.*

***<u>Kumpens</u>****:*
*Wara li qies il-fatti kollha tal-każ, l-eta` tar-rikorrenti u kif ukoll il-potenzjal tiegħu għax-xogħol it-Tribunal jiddeċiedi sabiex jordna lis-soċjeta` intimata tagħti kumpens ta' għaxart elf ewro (€10,000) lir-rikorrenti illi għandhom jitħallsu fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.'*

4. Illi minn din id-deċiżjoni <u>appella</u> Raymond Micallef a tenur tal-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. L-aggravju tiegħu huwa li meta ġie biex jillikwida l-ammont ta' kumpens dovut, it-Tribunal ma applikax il-kriterji kollha tal-liġi kif kien obbligat jagħmel a tenur tal-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 b' dan illi l-kumpens likwidat mit-Tribunal la jirrispekkja l-inġustizzja sofferta mill-appellant Raymond Micallef meta safa' mkeċċi minn fuq il-post tax-xogħol tiegħu inġustament wara kważi tmintax-il sena servizz u lanqas tirrifletti t-tbatija ta' danni inġenti u telf ta' qligħ li qiegħed isofri;

5. Illi permezz ta' <u>risposta</u> datata 14 ta' Ottubru 2016, is-soċjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited wieġbet illi fl-ewwel lok l-appell ta' Raymond Micallef huwa null u bla effett għaliex l-isem tas-soċjetà intimata fir-rikors tal-appell ma ġiex indikat korrettement. Fil-mertu hija wieġbet illi anké kieku din il-Qorti kellha tikkonferma l-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn ġie deċiż li t-tkeċċija tal-appellant kienet waħda ġusta, xorta waħda l-likwidazzjoni tal-kumpens li sar huwa wieħed eċċessiv u ġie ffissat mingħajr ebda motivazzjoni kwalsiasi u kull pretensjoni tal-appellant li huwa jirċievi s-somma ta' €212,411.59 hija manifestament eċċessiva, bla bażi u m' għandha ebda preċedent f' awards tat-Tribunal f' każijiet simili.

6. Illi s-soċjeta Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited ippreponiet l-<u>appell inċidentali</u> tagħha in kwantu ħassitha aggravata mid-deċiżjoni appellata kemm in kwantu sabet illi t-tkeċċija ta' Raymond Micallef kienet waħda inġusta kif ukoll fil-likwidazzjoni tal-kumpens.

7. Raymond Micallef wieġeb illi l-appell inċidentali ta' Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited huwa (1) irritu u null peress li l-aggravji mhux ibbażati fuq punt ta' dritt; (2) irritu u null stante li ma jirrispettax id-dettami tal-artikolu 240(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) fieragħ u vessatorju; (4) il-kumpens likwidat mit-Tribunal mhuwiex eċċessiv iżda karenti; (5) reazzjoni ritaljatorja; u (6) fieraħ u vessatorju stante li ġew imtennija l-istess argumenti li nġiebu quddiem it-Tribunal.

8. Peremezz ta-rikors intavolat fit-3 ta' Novembru 2016, l-appellant Raymond Micallef, b' referenza għall-ewwel, tieni u tielet paragrafi tar-risposta tiegħu, talab lil din il-Qorti tiddekreta n-nullità tal-appell inċidentali.

9. B' digriet datat 22 ta' Novembru 2016 din il-Qorti ċaħdet it-talba peress li l-appellant stess ikkontesta l-likwidazzjoni tal-kumpens, kif wara kollox għamlet l-appellant ukoll.

**Ikkunsidrat:**

10. Illi l-fatti kif jirriżultaw mill-inkartament huma s-segwenti:-

- Mid-29 ta' Novembru, 1994 ir-rikorrent kien impjegat mas-soċjetà intimata fuq bażi indefinittiva bħala *finishing operator*;

- Is-soċjetà intimata timmanifattura *'o-rings'* li jintużaw sabiex jissiġillaw tagħmir differenti li jaħdem b'pressjoni għolja ħafna u għalhekk, f' każ ta' difett, dan jista' jwassal għal inċidenti ta' natura serja;

- Ix-xogħol tar-rikorrent kien jikkonsisti fil-*finishing* tal-imsemmija '*o-rings*'. Dan isir għaliex wara li dawn l-'*o*-rings' joħorġu mill-*moulding* ikollhom eċċess ta' materjal magħhom. Sabiex jinqala' dan l-eċċess, l-'*o-rings*' jiddaħħlu ġo makkinarju (*cryogenic machine*) li jaħdem bin-nitroġen likwidu sabiex il-prodott jitkessaħ *minus* 80 grad celsius, isir dgħajjef u jiġi mkisser permezz ta' '*plastic shots*'. Ir-rikorrent, fost magni oħra, kien jopera din il-magna li tissejaħ MEVO;

- John Jones,[1] li kien *production manager* mas-soċjetà attriċi spjega li din il-magna titħaddem billi l-operatur jitfa' kejl ta' barmil '*o-rings*' bil-*flesh* b' kollox, jagħlaq il-bieba u jagħfas buttuna biex jibda ic-*cycle*. Il-ħin tas-*cycle* jiddependi mill-materjal tal-'*o-ring*' li ġeneralment ivarja bejn sitt u tmien minuti. Ladarba jispiċċa s-*cycle* huwa importanti li l-prodott lest jiġi maħruġ mill-magna u jinbeda *cycle* ġdid minnufih sabiex il-magna, li topera b' temperatura kiesħa ħafna, ma titlifx it-temperatura tagħha. Jekk il-magna tisħon taħli aktar nitroġenu biex terġa' titkessaħ apparti l-fatt li jista' jsirilha ħsara fil-magna. Dan ġie

[1] Fol. 28.

kkonfermat ukoll minn Martin Hignett,[2] il-*Managing Director* ta' Trelleborg Sealing Solutions f' Malta;

- Ir-rikorrent kellu l-obbligu li jirreġistra fuq '*production sheet'* appożita n-numru ta' *cycles* li jkun għamel matul ix-*shift* tiegħu;

- Peress li l-prinċipal sab *backlog* ta' xogħol fil-fażi tal-*finishing* fir-rigward ta' *shift* ta' bil-lejl, hija għammret uħud mill-makkinarju b'apparat li jirreġistra l-informazzjoni ta' kull x' ħin tinxtgħel u tintefa' l-magna partikolari li magħha ġie mqabbad. Dan l-apparat jissejjaħ '*data logger*' u wara verifiki mis-soċjetà intimata rriżulta li jaħdem b'preċiżjoni kbira. Fost magni oħra, *data logger* minnhom ġie mqabbad mal-magna '*MEVO'* operata mir-rikorrent Raymond Micallef;

- Filwaqt li fi ġranet oħra ma ġiet riskontrata l-ebda diverġenza bejn il-'*production* sheet' tar-rikorrent u l-informazzjoni reġistrata mid-*data* logger, fil-ġranet tat-28 ta' Frar u tat-29 ta' Frar 2012 is-*cycles* li r-rikorrent illum appellant iddikjara li għamel fil-'*production sheet*' relattiva ma qablux mad-*data logger* mqabbad mal-magna minnu operata. Senjatament, fit-28 ta' Frar 2012 ir-rikorrent iddikjara li huwa għamel 57 *cycles* mentri d-data logger irreġistrat 41 *cycle*[3] filwaqt li fit-29 ta' Frar 2012 iddikjara li għamel 58 *cycles* filwaqt li d-*data logger* irreġistrat 44 *cycle*.[4] F'dawn il-magni ġew reġistrati ukoll ħinijiet twal li matulhom il-magna MEVO kienet mitfija;

- Ir-rikorrent ingħata l-opportunità li jispjega din id-diskrepanza;

- Is-soċjetà appellata ma kinitx sodisfatta bl-ispjegazzjoni mogħtija minnu, kemm għaliex l-istess diskrepanza rriżultat jumejn fuq xulxin u allura ma kienx żball ta' darba, kif ukoll għaliex f' kull każ ma kinitx tiġġustifika fl-intier tagħha d-diskrepanza ravviżata;
- Louis Farrugia,[5] *Commercial Director* mas-soċjetà intimata, sema u ddeċieda l-proċeduri interni fil-konfront tar-rikorrent. Huwa spjega li meta xehed ir-rikorrent quddiemu ma kienx ikkontesta r-*readings* tad-*data logger*. Lanqas ma kkontesta dak li huwa stess irreġistra fil-

---

[2] Fol. 83 et seq.
[3] Fol. 24 – **Dok JJ4**.
[4] Fol. 23 – **Dok JJ3**.
[5] Fol. 104 et seq.

'*production sheet*'. L-ispjegazzjoni tiegħu kienet iżda li d-diskrepanza tat-28 ta' Frar 2012 kienet minhabba li kien hemm 8 *cycles* fejn flok għabba l-magna b'barmil wieħed skont il-proċedura tal-kwalità tal-kumpannija, għabba l-magna b' żewġ bramel fl-istess *cycle* u għalhekk irrekordjhom doppji fuq il-*production sheet*. Rigward id-diskrepanza ravviżata fid-29 ta' Frar 2012 ir-rikorrent kien qallu li kien hemm 7 *cycles* li fejn huwa għabba l-magna b' *load* doppju u għalhekk irreġisthom bħala żewġ *cycles* kull darba fuq il-*production sheet*. Louis Farrugia xehed li, apparti l-fatt li Raymond Micallef ma kienx ġustifikat li jmur kontra l-proċeduri tas-soċjetà minħabba raġunijet ta' sigurtà u ċertifikazzjoni tal-prodott, din l-ispjegazzjoni xorta ma treġġix matematikament għaliex fit-28 ta' Frar 2012 ġew reġistrati 16 *cycle* żejjed u f' każ li għamel 8 *cycles* doppji mill-41 reġistrati mid-*data logger,* kif dikjarat minnu, xorta jibqgħu 8 *cycles* oħra li huwa ddikjara fuq il-*production sheet* tiegħu li baqgħu *unaccounted for*. L-istess jgħodd għad-29 ta' Frar 2012 għaliex jekk minn 44 *cycles* reġistati mid-*data logger,* 7 kienu doppji, dan kellu jammonta għal 51 *cycles* mhux 58 kif dikjarat minnu fil-*production sheet*;

- Peremezz ta' deċiżjoni datata 13 ta' April 2012 ġie mkeċċi mix-xogħol a bażi tas-segwenti raġuni:

> '*mix-xhieda li smajt u li ġiet ippreżentata quddiemi, jiena konvint li c-cycles kif dikjarati minnek fiż-żewġ okkażjonijiet, fil-fatt, ma sarux. Hawnhekk nixtieq nirreferi għall-ftehim kollettiv in vigore bejn il-kumpannija TSS Malta u l' GWU – klawsola 18 paragrafu (b) f'paġna 15 fejn hemm miftiehem li "L-impjegati kollha huma obbligati li jagħtu l'ammont korrett tal-bċejjeċ prodotti. In-nuqqas li wieħed jirrekordja jew qerq f'dak li jirrekordja iwassal għal azzjoni dixxiplinarja severa li tista twassal għat-tkeċċija."'*[6]*;*

- Skond dokument maħruġ mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ l-impieg tar-rikorrent appellant ġie terminat b' effett mid-9 ta' Marzu 2012 fuq bażi dixxiplinari;

- Fis-sena 2011 kellu ntrojtu gross ta' €19,041[7];

[6] Fol. 5.
[7] Fol. 4.

**Preliminari**

11. Din il-Qorti sejra qabel xejn tikkunsidra l-ilmenti ta' natura preliminari li l-partijiet ressqu fil-konfront ta' xulxin dwar appell u l-appell inċidentali rispettivi minnhom intavolati.

12. Da parti tagħha l-appellanta eċċepiet li r-rikors tal-appell ta' Raymond Micallef huwa null u bla effett għaliex l-isem tas-soċjetà intimata kif indikat fir-rikors tal-appell mhuwiex korrett.

13. L-artikolu 143(5) tal-liġijiet ta' Malta jipprovdi li nuqqas ta' tħaris ta' dak li huwa meħtieġ mill-istess artikolu tal-liġi f'rikors t'appell ma jġibx in-nullità tiegħu. Inoltré, is-subartikolu (2) tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi kull qorti fi grad ta' appell tista' tordna jew tippermetti, f' kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata.

14. Huwa ċar mill-atti li l-appell ta' Raymond Micallef jirreferi għad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali fil-kwistjoni tax-Xogħol bejn ***Raymond Micallef u Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited*** mogħtija fis-16 ta' Settembru 2016, u għalhekk huwa evidenti li kull referenza għal 'Trelleborg Sealing Solutions Limited' minflok 'Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited' kienet biss żvista.

15. **Konsegwentment, a tenur tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tordna li kemm fl-okkju kif ukoll fl-atti tal-proċeduri odjerni, kull fejn l-isem tas-soċjeta intimata ġie indikat bħala 'Trelleborg Sealing Solutions Limited' dan għandu jaqra 'Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited'.**

16. Isegwi għalhekk li n-nullità eċċepita mis-soċjetà appellata qegħda tiġi respinta.

17. Dwar l-allegata nullità tal-appell inċidentali tas-soċjetà attriċi eċċepita minn Raymond Micallef, din il-Qorti tirreferi għat-talba tal-appellant u appellat inċidentalment tat-3 ta' Novembru 2016 u għad-digriet tagħha tat-22 ta' Jannar 2017 li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba ta' Raymond Micallef

sabiex l-appell incidebtali jigi ddikjarat null a bażi tar-raġunijiet li semma fl-ewwel tlett paragrafi tar-risposta tiegħu, u m'ghandha xejn x'izzid.

18. L-allegazzjoni tal-Raymond Micallef li l-appell inċidentali tas-soċjetà intimata huwa fieragħ u vessatorju in kwantu huwa biss reazzjoni ritaljatorja hija ukoll insostenibbli. Id-dritt li parti f' kawża tirkeb fuq l-appell tal-parti l-oħra sabiex tippreżenta l-appell inċidentali tagħha joħroġ mil-liġi u m' għandiex tiġi ppenalizzata għaliex ma ppreżentatx l-appell tagħha rrispettivment mill-appell tal-parti l-oħra.

## <u>L-Aggravji</u>

19. Dwar il-mertu, huwa xieraq li l-aggravju tal-appellant Raymond Micallef u l-appellanta inċidentalment Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited jiġi kkunsidrat wara li jiġi deċiż l-aggravju tas-soċjetà appellanta inċidentalment dwar dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ġie deċiż li tkeċċija tal-appellant Raymond Micallef mill-impieg kienet waħda inġusta.

## L-Ewwel Aggravju tas-soċjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited

20. Fir-rikors tal-appell inċidentali tagħha Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited tikkontendi li t-Tribunal Industrijali ma kellu ebda bażi la ta' fatt u lanqas ta' dritt biex jiddeċiedi li t-tkeċċija tar-rikorrent kienet waħda inġusta.

21. Fil-konsiderazzjonijiet li wasslu t-Tribunal għall-parti dispożittiva tas-sentenza 'l fuq ċitata, intqal hekk:

> *'It-Tribunal jinnota illi la l-union u lanqas l-impjegati ma ġew infurmati li ser jitwaħħal data logger mal-magni. Hija prassi industrijali li meta jkun hemm suspetti ta' qerq hekk kif kellha l-kumpannija, isiru diskussjonijiet mal-union rikonoxxuta sabiex jittieħdu passi sabiex jekk qed ikun hemm xi qerq jew xi skartar dan jiġi risolt. Għal finijiet ta' trasparenza u relazzjonijiet industrijali tajbin kien ikun għaqli min-naħa tal-kumpannija li tidħol f'diskussjonijet mal-union u l-ħaddiema jiġu infurmati li ser jitwaħħal id-data logger.*
>
> *Il-kumpannija ġabet l-argument li huwa importanti li l-bċejjeċ prodotti ikunu siguri, u li bl-aġir tar-rikorrenti, fost riskji oħra, setgħet titlef l-ISO certification tagħha, żewġ argumenti li huma validi. Pero t-Tribunal jinnota li fl-istess waqt il-kumpannija ma ġabet l-ebda prova li kien hemm xi xogħol ħażin min-naħa tar-rikorrenti. Il-kumpannija lanqas ma ġabet l-ebda prova*

*illi qatt inġibdet l-attenzjoni tar-rikorrenti fuq dak li kien qed jagħmel għaldaqstant dan it-Tribunal jikkonkludi li dan l-inċident li wassal għat-tkeċċija tar-rikorrenti kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu.*

*Is-soċjeta akkużat lir-rikorrenti bi ksur ta' klawsola 18 (b) tal-Ftehim Kollettiv li taqra: 'L-impjegati kollha huma obbligati li jagħtu l-ammont korrett ta' bċejjeċ prodotti. In-nuqqas li wieħed jirrekordja jew qerq f'dak li jirrekordja (għal finijiet ta' ċarezza, li wieħed jirrekordja l-ammont korrett ta' bċejjeċ prodotti jinkludi li wieħed jirrekordja l-informazzjoni fis-sistema kompjuterizzata tal-kumpannija) iwassal għal azzjoni dixxiplinarja severa, li tista' twassal għal tkeċċija'.*

*Fl-analiżi ta' din il-klawsola, t-Tribunal jasal li jaċċetta l-argument tal-kumpannija illi l-ispirtu tal-Ftehim Kollettiv kien jirreferi għal cycles meta hemm referenza għal bċejjeċ għaliex m'huwiex prattiku illi wieħed joqgħod jgħodd l-o rings pero' hawn it-Tribunal jirrakkomanda illi din il-klawsola tiġi emendata ħalli l-ambigwita' li ħolqot tiġi ċċarata.* ***It-Tribunal jinnota li r-rikorrent kien ilu jaħdem mal-kumpannija għal numru konsiderevoli ta' snin u f'dawn is-snin qatt ma kellu problemi għajr għal twissija li inħarġet tmien snin qabel ġie mkeċċi. It-Tribunal jirrimarka li dan il-fatt kellu jġorr piż sostanzjali għall-kumpannija meta kienet qegħda tiddelibera dwar il-każ odjern għaliex impjegat li dejjem kien leali lejn il-kumpannija u qeda dmiru bl-aħjar mod possibli m'għandux jiġi kkastigat b'dak li hija meqjusa bħala l-piena kapitali fil-qasam tax-xogħol u ċjoe it-tkeċċija mal-ewwel inċident serju li jkun ikkommetta. Fil-fatt il-klawsola tal-Ftehim Kollettiv tagħti diskrezzjoni lill-kumpannija dwar l-azzjoni dixxiplinarja u t-tkeċċija ma hijiex mandatorja u fil-fehma ta' dan it-Tribunal, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-kumpannija setgħet użat din id-diskrezzjoni sabiex tagħti sanzjoni serja lir-rikorrenti mingħajr ma tkeċċih.'***

22. Fl-aggravju tagħha Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited tgħid li sa fejn it-Tribunal irrakkomanda li *'għal finijiet ta' trasparenza u relazzjonijiet industrijali tajbin, kien ikun għaqli min-naħa tal-kumpannija li tidħol f' diskussjonijiet mal-Union u li l-ħaddiema jiġu nfurmati li ser jitwaħħal id-data logger'* . Żiedet tgħid li ladarba kellha suspett li kien qiegħed ikollha dikjarazzjonijiet foloz mill-impjegati, kellha kull dritt li tuża kull mezz teknoloġiku disponibbli biex tivverifika dan l-aġir abbużiv.

23. L-appellanta inċidentalment tkompli tilmenta li minkejja l-konsiderazzjoni surriferita dwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 18(b) tal-Ftehim Kollettiv viġenti bejn il-partijiet, it-Tribunal aċċetta l-argument tas-soċjeta Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited fis-sens illi *'l-ispirtu tal-Ftehim Kollettiv kien jirreferi*

*għal cycles meta hemm referenza għal bċejjeċ għaliex m' huwiex prattiku illi wieħed joqgħod jgħodd l-o rings'* minkejja li rrakkomanda li din il-klawżola tal-Ftehim Kollettiv għandha tiġi emendata sabiex l-ambigwità li ħolqot tiġi ċċarata. F' dan il-kuntest, Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited tħoss li *'jekk it-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu tat-tkeċċija inġusta fuq dan il-punt, kien qed jagħmel kontradictio in terminis ma dak stess li hu kien iddeċieda meta qal illi t-terminu 'bċejjeċ' jinkludi referenza għal 'cycles'.*

24. Fid-deċiżjoni ***Filippo e Carolina Farrugia Gay nomine -vs- Sac. Angelo Farrugia,*** Appell Ċivili, 12 ta' Novembru 1919 ingħad illi:-

> *"Per riconoscere il vero portata di una sentenza occorre indagare quale fosse stata la questione sulla quale il giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedette il suo giudizio ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo e mettendolo in armonia colla motivazione, la quale e` anche essa parte della sentenza, sebbene dalla stessa non sorga il giudicato, e quando la parte dispositivo di una sentenza fosse concepita in termini generici, il suo significato puo` essere ristretto dalle considerazioni che la motivarono."*

25. Mis-sentenza appellata, huwa evidenti li l-konklużjoni raġġunta mit-Tribunal Industrijali ma kinitx tistrieħ fuq l-argument imressaq minn Raymond Micallef fis-sens li l-bażi legali tat-tkeċċija tiegħu ma treġix peress li l-artikolu 18(b) tal-Ftehim Kollettiv jirreferi għal '*bċejjeċ'* mhux '*cycles'.* Anzi, huwa evidenti li fuq dan il-punt it-Tribunal qabel mas-soċjetà intimata illi fiċ-ċirkostanzi, fejn mhuwiex prattiku li l-'*o-rings*' prodotti jingħaddu wieħed wieħed, in-numru ta' '*cycles'* huwa indikattiv tal-'*bċejjeċ'* prodotti u għalhekk l-ispirtu tal-Ftehim Kollettiv jirreferi għal '*cycles'* ukoll.

26. Jirriżulta iżda li dak li wassal għad-deċiżjoni tat-Tribunal kienu s-segwenti fatturi:-

- r-rikorrent kien ilu jaħdem mal-kumpannija għal numru konsiderevoli ta' snin;
- f'dawn is-snin qatt ma kellu problemi għajr għal twissija li inħarġet tmien snin qabel ġie mkeċċi;
- dan il-fatt kellu jġorr piż sostanzjali għall-kumpannija meta kienet qegħda tiddelibera dwar il-każ odjern meta tqies li l-impjegat kien dejjem leali lejn il-kumpannija u agħmel dmiru bl-aħjar mod possibli;

- il-klawżola tal-Ftehim Kollettiv tagħti diskrezzjoni lill-kumpannija dwar l-azzjoni dixxiplinarja u t-tkeċċija mhijiex mandatorja; u
- fil-fehma tat-Tribunal, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-kumpannija setgħet użat din id-diskrezzjoni sabiex tagħti sanzjoni serja lir-rikorrenti mingħajr ma tkeċċieh.

27. Isegwi minn dan li ma hemm l-ebda kontradizzjoni bejn il-konsiderazzjonijiet u d-dispożittiv tad-deċiżjoni appellata, in kwantu, l-fatt li t-Tribunal ma eskludiex li f'każijiet simili kienet tapplika klawżola 18(b) tal-Ftehim Kollettiv, dan bl-ebda mod ma kien jipprekludi lit-Tribunal milli jsib li ma nżammx sens ta' proporzjon meta l-prinċipal iddeċieda li jkeċċi lill-impjegat.

28. Bla dubju t-Tribunal kellu jiddeċiedi dwar jekk il-principal kienx ragonevoli fid-decizjnoi li ha. Mid-deċiżjoni tad-direttur Louis Farrugia, jirrizulta li r-rikorrent tkecca minhabba li s-cyles li ddikjara fil-*production sheet* kienu iktar minn dak li gie recorded mid-data logger. Pero' mid-decizjoni hu evidenti li l-principal ma qiesx:

- li r-rikorrent kienu ilu jahdem mal-kumpannija sa minn Novembru, 1994 u l-kondotta tajba li jidher li kellu matul dawk is-snin kollha;
- li kien hemm jumejn qabel dawk in kwistjoni fejn irrizulta li n-numru ta' cycles li gew recorded mir-rikorrenti kienu jaqblu ma' dawk li rrekordja d-*data logger*. Ghalkemm xhud tal-intimata ta x'jifhem li f'dawk iz-zewg okkazzjonijiet kien iktar faċli għall-ħaddiem li jinduna bid-*data logger*, mhemmx prova cara li probabbilment Micallef kien jaf li fuq il-magna li kien qieghed jahdem fl-24 u 27 ta' Frar kien twahhal *data logger*;
- li kien biss fuq jumejn li rrizulta li kien hemm id-diskrepanza dwar in-numru ta' *cycles* dikjarati mill-appellant u n-numru ta' *cycles* reġistrati fuq id-*data logger*;
- li ma rrizultax li dak li ddikjara r-rikorrent fil-*production sheet* bhala l-kwantita ta' prodotti li sarilhom *cycle*, ma kienx korrett;

Dan apparti li mill-provi lanqas ma jirriżulta b'mod ċar kif in-numru ta' cycles kien kruċjali. Semmai jidher li kien iktar rilevanti l-ħin li damet wieqfa l-magna, li pero mhijiex ir-raġuni għalfejn ir-rikorrent tkeċċa (ara deċiżjoni ffirmata minn Louis Farrugia).

29. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma kien hemm xejn milli jżomm lit-Tribunal li jasal għal konklużjoni li wasal għaliha, iktar u iktar meta skont il-Ftehim Kollettiv it-tkeċċija ma kinitx tassattiva.

30. L-aggravju ta' Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited ikompli fis-sens li f' dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ġie deċiż illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi l-kumpannija setgħet użat id-diskrezzjoni tagħha sabiex tagħti sanzjoni serja lir-rikorrenti mingħajr ma tkeċċih, it-Tribunal mar espressament kontra dak li tipprovdi l-klawsola 18(b) tal-Ftehim Kollettiv li jagħti lis-soċjetà appellanta inċidentalment tali prerogattiva.

31. Il-klawżola 18(b) tal-Ftehim Kollettiv tgħid hekk:-

> *"L-impjegati kollha huma obbligati li jagħtu l-ammont korrett tal-bċejjeċ prodotti. In-nuqqas li wieħed jirrekordja jew qerq f'dak li jirrekordja iwassal għal azzjoni dixxiplinarja severa li tista' twassal għat-tkeċċija".*

32. Il-qorti għandha dubji serji kemm il-klawżola nvokata mill-prinċipal fid-deċiżjoni ta' tkeċċija kienet tapplika għan-numru ta' *cycles*. Klawżola li qegħda tirreferi għal dikjarazzjoni dwar *"bċejjeċ prodotti"*, u mhux *cycles*.

33. F'kull każ fid-deċiżjoni appellata mhuwiex kontestat li l-artikolu 18(b) tal-Ftehim Kollettiv jagħti lis-soċjetà appellanta inċidentalment l-fakoltà li, f'każ li impjegat jonqos milli jirreġistra jew qerq f'dak li jirreġistra, tipproċedi b' azzjoni dixxiplinarja severa li <u>tista'</u> twassal għat-tkeċċija. Madanakollu tali tkeċċija mhijiex tassattiva u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehema li fl-evalwazzjoni tad-diskrezzjoni użata mis-soċjetà intimata, it-Trrbunal kien entró l-parametri fattwali u legali tiegħu.

34. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**L-Appell prinċipali ta' Raymond Micallef u t-Tieni Aggravju tas-soċjetà Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited**

35. Kemm l-appellant Raymond Micallef kif ukoll is-soċjetà appellata u appellanta inċidentalment ħassewhom aggravati mill-kumpens mogħti mit-Tribunal. Da parti tiegħu Raymond Micallef jikkontendi li t-Tribunal applika l-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 ħażin għaliex ma kkunsidrax id-danni rejali, it-telfien li bata l-appellant kif ukoll ċirkostanzi oħra. Min-naħa l-oħra, il-prinċipal tilmenta bil-mod arbitrarju u bla ebda motivazzjoni li bih ġiet iffissata s-somma ta'

għaxart elef Ewro (€10,000) bħala kumpens għat-tkeċċija, liema ammont, fil-fehma tagħha, mhuwiex ġustifikat kunsidrat in-nuqqas gravi tal-impjegat minnu ammess.

36. L-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 jipprovdi kif ġej:

> *'Meta, fuq ilment magħmul skont l-arikolu 75, it-Tribunal isib li r-raġunijiet għall-ilment ikunu bbażati tajjeb –*
>
> *(a) f'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk majkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif inqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija:*
>
> *Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem.'*

37. Fil-każ ***Saviour Sammut vs Auto Sales Limited*** deċiż minn din il-Qorti diverasment presjeduta fid-19 t' Ottubru 2005 ingħad li:

> *Fl-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kapitolu 452 il-ligi tipprovdi indikaturi ta' dak li t-Tribunal kellu jieħu in konsiderazzjoni fil-fissazjoni tal-kumpens imma imbagħad tħalli f' idejn listess Tribunal li hekk jillikwida u jiddetermina l-istess kumpens. Kemm kellu jkun dan il-kumpens mhux sindakabbli minn din il-Qorti, una volta li t-Tribunal ikun deherlu li kienu jeżistu raġunijiet biżżejjed biex jillikwida l-kumpens fis-somma ffissata minnu.'*

38. Fil-kuntest ta' dan l-artikolu, din il-Qorti tosserva li għalkemm fit-talbiet oriġinali tiegħu Raymond Micallef kien talab li jerġa' jiġi reintegrat f'xogħlu, huwa ma ressaq l-ebda aggravju minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn it-Tribunal ma laqax din it-talba. **L-appell hu limitat biss għall-kumpens mogħti mit-Tribunal u għalhekk jidher li l-appellant aċċetta li jingħata kumpens minflok li jmur lura jaħdem mas-soċjeta appellata.**

39. Huwa ukoll ta' rilevanza li, fid-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li t-terminazzjoni mill-impieg tal-intimat kienet waħda inġusta unikament għaliex it-Tribunal ħass li fiċ-ċirkostanzi, '*il-kumpannija setgħet*

*użat din id-diskrezzjoni sabiex tagħti sanzjoni serja lir-rikorrent mingħajr ma tkeċċih'* u mhux għaliex n-nuqqasijiet imputati lilu mis-soċjetà appellata ma kienux veritjieri.

40. Fl-isfond ta' dan kollu, din il-Qorti tħoss li l-pretensjoni tal-appellant li għandu jitħallas is-somma ta' mitejn u tnax-il elf, tlett mija sitta u erbgħin Ewro u erba' w tmenin ċenteżmu (€212,346.84) rappreżentanti l-paga bażika li huwa allegatament[8] kien jippreċepixxi sal-ġurnata tal-pensjoni tiegħu għeluq il-ħamsa u sittin (65) sena li kieku baqa' fl-impieg sa dak iż-żmien, hi għal kollox barra minn lokha iktar u iktar meta r-rikorrent ma ressaqx provi li setgħu qatt iwasslu lit-Tribunal biex jillikwida dik is-somma.

41. Lanqas ma huwa sostenibbli l-appell inċidentali tas-soċjetà appellanta inċidentalment. Hija tilmenta bil-mod arbitrarju u bla ebda motivazzjoni li bih ġiet iffissata s-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) bħala kumpens għat-tkeċċija.

42. Din il-Qorti tagħraf li huwa minnu li t-Tribunal ma elabora xejn fuq kif wasal għal din is-somma. Ir-Regoli dwar il-Proċedura tat-Tribunal Industrjali (L.S. 452.18) jipprovdu li d-deċiżjonijiet u s-sentenzi tat-Tribunal m' għandhomx jispeċifikaw bid-dettalji r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni jew sentenza, iżda dan ma jfissirx li tali raġunijiet jistgħu jiġu omessi għal kollox.

43. Mandanakollu, din il-Qorti ma tħossx li l-ammont ta' kumpens likwidat mit-Tribunal ma kienx wieħed ekwu fiċ-ċirkostanzi tal-każ kif allegat mis-soċjetà appellanta inċidentalment. Dan meta tqies li l-każ jitratta dwar tkeċċija ta' impjegat li kien ilu jaqdi dmiru sa mis-sena 1994.

44. Dwar iċ-ċirokstanzi rilevanti għall-iffissar tal-kumpens, mill-provi prodotti mkien ma jirriżulta jekk l-appellat sabx xogħol ieħor jew ipprovax isib xogħol ieħor b'dan illi l-aggravju tiegħu abbażi ta' dan l-argument ma jsib l-ebda sostenn fl-atti proċesswali. F'dan ir-rigward l-oneru tal-prova kien fuq ir-rikorrent li ma jistax jippretendi li dak li suppost sar fl-ewwel stadju jsir fl-istadju tal-appell.

---

[8] Fl-FS3 a fol. 4 tal-proċess jirriżulta biss id-dħul globali perċepit minn Raymond Micallef fis-sena bażi 2011 iżda la minn dan id-dokument u lanqas minn partijiet oħra tal-proċess ma tirriżulta l-*basic weekely wage* li a bażi tagħha inħadmu l-figuri murija fit-tabella annessa mar-rikors tal-appell.

45. Jirriżulta biss illi l-appellant kien ilu impjegat mas-soċjetà appellata għal sbatax-il sena, senjatament mid-29 ta' Novembru 1994 sad-9 ta' Marzu 2012.[9] Jirriżulta ukoll li fis-sena bażi 2011 kien ipperċepixxa is-somma ta' €19,041.[10] Huwa allega ukoll li ma jafx jikteb għalkemm ikkonferma kemm-il darba li l-*production sheets* kien jimlihom personalment u jiffirmahom f' kull *shift*. Ghal dik li hi eta' mid-dokument mehmuż mar-rikors promotur jirriżulta li r-rikorrent twieled fid-9 ta' Lulju, 1960. Dan ifisser li fid-data ta' terminazzjoni tal-impieg (9 ta' Marzu, 2012) kellu l-eta' ta' tnejn u ħamsin (52) sena. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda provi ta' x'għamel sabiex isib impieg ieħor, jekk ħadimx u fl-affermattiv x'kien ix-xogħol.

46. Fiċ-ċirkostanzi l-ilment tar-rikorrent u tas-soċjeta appellata huma bla bażi.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, qegħda tiċħad kemm l-appell prinċipali ta' Raymond Micallef kif ukoll l-appell inċidentali ta' Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited, bl-ispejjeż tal-appell prinċipali a karigu tal-Raymond Micallef u l-ispejjeż tal-appell inċidentali a karigu ta' Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited.**

Anthony Ellul.

[9] Fol. 3.
[10] Fol. 4.